

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Ottubru 2012

li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil

(2012/646/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 2005/781/KE ⁽¹⁾, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil ("il-Ftehim").
- (2) L-Artikolu XII (2) tal-Ftehim jipprovdi kif ġej: "Dan il-Ftehim għandu jkun validu għal perjodu inizjali ta' ħames snin u jista' jiġġedded bi ftehim bejn il-Partijiet wara evalwazzjoni li ssir fis-sena ta' qabel l-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv ta' tiġdid tal-Ftehim."
- (3) Fil-ħames laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija stabbilit ta' l-Artikolu VI(2) tal-Ftehim, li saret fi Brasilia fit-22 ta' Novembru 2011, iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw l-interess tagħhom li jgħaddu l-Ftehim għal ħames snin oħra.
- (4) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.
- (5) It-tiġdid tal-Ftehim għandu jiġi approvat fisem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil, għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika lill-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa għat-tiġdid tal-Ftehim skont l-Artikolu XII(2) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħmel in-notifika li ġejja:

"B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, referenzi għal 'il-Komunità Ewropea' fit-test tal-Ftehim, fejn meħtieġ, għandhom jinqraw bħala referenzi għal 'l-Unjoni Ewropea'."

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

S. MALAS

⁽¹⁾ ĠU L 295, 11.11.2005, p. 37.